

Brussell, 19 ta' Ġunju 2020
(OR. en)

8656/20

**Fajl Interistituzzjonali:
2020/0066(COD)**

**CODEC 470
EF 101
ECOFIN 485
CCG 19
PE 25**

NOTA TA' INFORMAZZJONI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 575/2013 u (UE) 2019/876 fir-rigward ta' ċerti aġġustamenti b'rispons għall-pandemija tal-COVID-19 – Eżitu tal-ewwel qari tal-Parlament Ewropew (Brussell, mis-17 sad-19 ta' Ġunju 2020)

I. INTRODUEZZJONI

Saru għadd ta' kuntatti informali bejn il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni bil-ħsieb li jintlaħaq qbil dwar dan il-fajl fl-ewwel qari.

F'dan il-kuntest, ir-rapporteur, Jonas FERNANDEZ (S&D, ES) ippreżenta emenda ta' kompromess (l-emenda numru 5) għall-proposta għal Regolament f'isem il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (ECON). Kien intlaħaq qbil dwar din l-emenda matul il-kuntatti informali msemmija hawn fuq. Barra minn hekk, il-gruppi politiċi Ħodor/AĦE u GUE/NGL ressq l-emendi numru 1 u numru 4, il-grupp politiku Ħodor/AĦE ressaq l-emenda numru 2, u l-grupp politiku GUE/NGL ressaq l-emenda numru 3.

II. VOTAZZJONI

Meta vvutat fit-18 ta' Ġunju 2020, il-plenarja adottat l-emenda ta' kompromess (l-emenda numru 5) għall-proposta għal Regolament. Ma ġiet adottata ebda emenda oħra. Il-proposta tal-Kummissjoni hekk emendata tikkostitwixxi l-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari li tinsab fir-riżoluzzjoni legiſlattiva tiegħu kif tinsab fl-Anness għal dan id-dokument¹.

Il-pożizzjoni tal-Parlament tirrifletti dak li kien intlaħaq qbil dwaru preċedentement bejn l-istituzzjonijiet. Għalhekk il-Kunsill għandu jkun f'pożizzjoni li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament u b'hekk jagħlaq l-ewwel qari għaż-żewġ Istituzzjonijiet.

L-att imbagħad jiġi adottat bil-formulazzjoni li tikkorrisponi għall-pożizzjoni tal-Parlament.

¹ Il-verżjoni tal-pożizzjoni tal-Parlament fir-riżoluzzjoni legiſlattiva ġiet immarkata biex tindika l-bidliet li saru bl-emendi għall-proposta tal-Kummissjoni. Iż-żidiet għat-test tal-Kummissjoni huma enfasizzati b'*tipa grassa u bil-korsiv*. Is-simbolu "■" jindika test imħassar.

Regolamenti emendatorji (UE) Nru 575/2013 u (UE) 2019/876 fir-rigward tal-aġġustamenti b'rispons għall-pandemija tal-COVID-19 *I**

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 575/2013 u (UE) 2019/876 fir-rigward tal-aġġustamenti b'rispons għall-pandemija tal-COVID-19 (COM(2020)0310 – C9-0122/2020 – 2020/0066(COD))

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2020)0310),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0122/2020),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-20 ta' Mejju 2020²,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-10 ta' Ġunju 2020³,
 - wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tal-10 ta' Ġunju 2020, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A9-0113/2020),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

² ĠU C 180, 29.5.2020, p. 4.

³ Għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-18 ta' Ġunju 2020 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2020/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 575/2013 u (UE) 2019/876 fir-rigward ta' ċerti aġġustamenti b'rispons għall-pandemija tal-COVID-19

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew⁴,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew⁵,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja⁶,

⁴ ĠU C 180, 29.5.2020, p. 4.

⁵ Opinjoni tal-10 ta' Ġunju 2020 (għadha mhijiex ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali*).

⁶ Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Ġunju 2020.

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷ jistabilixxi, flimkien mad-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁸, il-qafas regolatorju prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u għad-ditti tal-investment ('istituzzjonijiet') li joperaw fl-Unjoni. Adottat wara l-kriżi finanzjarja li żviluppat fl-2007-2008, u fil-biċċa l-kbira tiegħu bbażat fuq standards internazzjonali miftiehma fl-2010 mill-Kumitat ta' Basel dwar is-Superviżjoni Bankarja (BCBS, Basel Committee on Banking Supervision), magħrufa bħala l-qafas tal-Basel III, dak il-qafas regolatorju prudenzjali kkontribwixxa għat-tisħiħ tar-reżiljenza tal-istituzzjonijiet li joperaw fl-Unjoni u biex jitħejjew aħjar biex jindirizzaw diffikultajiet potenzjali, inklużi diffikultajiet li jirriżultaw minn kriżijiet futuri possibbli.

⁷ Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1).

⁸ Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338).

- (2) Minn mindu daħal fis-seħħ, ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 ġie emendat diversi drabi biex jindirizza d-dgħufijiet li baqa' fil-qafas regolatorju prudenzjali u biex jimplementa xi elementi pendenti tar-riforma globali tas-servizzi finanzjarji li huma essenzjali biex tiġi żgurata r-reżiljenza tal-istituzzjonijiet. Fost dawk il-bidliet, ir-Regolament (UE) 2017/2395 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁹ introduċa arranġamenti tranżizzjonali fir-Regolament (UE) Nru 575/2013 biex jittaffa l-impatt fuq il-fondi proprji mill-introduzzjoni tal-Istandard Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju - Strumenti Finanzjarji (IFRS 9, International Financial Reporting Standard - Financial Instruments). Ir-Regolament (UE) 2019/630 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁰ introduċa fir-Regolament (UE) Nru 575/2013 rekwiżit għall-kopertura minima għat-telf għal skoperturi improduttivi, l-hekk imsejħa garanzija ta' kontinġenza prudenzjali.

⁹ Regolament (UE) 2017/2395 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 575/2013 fir-rigward ta' arranġamenti tranżizzjonali biex jittaffa l-impatt tal-introduzzjoni tal-IFRS 9 fuq il-fondi proprji u għat-trattament tal-iskoperturi l-kbar ta' ċerti skoperturi fis-settur pubbliku denominati fil-munita domestika ta' kwalunkwe Stat Membru (ĠU L 345, 27.12.2017, p. 27).

¹⁰ Regolament (UE) 2019/630 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 575/2013 fir-rigward tal-kopertura minima għat-telf għal skoperturi improduttivi (ĠU L 111, 25.4.2019, p. 4).

- (3) Barra minn hekk, ir-Regolament (UE) 2019/876 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹¹ introduċa fir-Regolament (UE) Nru 575/2013 uħud mill-elementi finali tal-qafas ta' Basel III- Dawk l-elementi jinkludu, fost affarijiet oħrajn, definizzjoni ġdida tal-proporzjon ta' lieva finanzjarja u riżerva tal-proporzjon ta' lieva finanzjarja, li t-tnejn li huma jipprevjenu lill-istituzzjonijiet milli jżidu l-lieva finanzjarja b' mod eċċessiv, kif ukoll dispożizzjonijiet għal trattament prudenzjali aktar favorevoli ta' ċerti assi tas-softwer u għal trattament aktar favorevoli ta' ċertu self sostnut minn pensjonijiet jew salarji, fattur ta' appoġġ rivedut għal self lil intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) (il-'fattur ta' appoġġ għall-SMEs'), u aġġustament ġdid għar-rekwiżiti ta' fondi proprji għal riskju tal-kreditu għall-iskoperturi għal entitajiet li joperaw jew jiffinanzjaw strutturi jew faċilitajiet fiżiċi, sistemi u netwerks li jipprovdu jew jappoġġaw servizzi pubbliċi essenzjali (il-'fattur ta' appoġġ għall-infrastruttura').

¹¹ Regolament (UE) 2019/876 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 575/2013 dwar il-proporzjon ta' lieva finanzjarja, il-proporzjon ta' finanzjament stabbli nett, rekwiżiti għall-fondi proprji u obligazzjonijiet eliġibbli, riskju ta' kreditu tal-kontroparti, riskju tas-suq, skoperturi għal kontropartijiet ċentrali, skoperturi għal impriżi ta' investiment kollettiv, skoperturi kbar, rekwiżiti ta' rappurtar u divulgazzjoni, u r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 150, 7.6.2019, p.1).

- (4) Ix-xokk ekonomiku qawwi kkawżat mill-pandemija tal-COVID-19 u l-miżuri eċċezzjonali ta' konteniment kellhom impatt ta' medda kbira fuq l-ekonomija. In-negozji qed jiffaċċaw interruzzjonijiet fil-ktajjen tal-provvista, għeluq temporanju u tnaqqis fid-domanda, filwaqt li l-unitajiet domestiċi jħabbtu wiċċhom ma' qgħad u tnaqqis fid-dħul. L-awtoritajiet pubbliċi fil-livell tal-Unjoni u fil-livell tal-Istati Membri ħadu azzjoni deċiżiva biex jappoġġaw lill-familji u lill-impriżi solventi biex jifilħu għat-tnaqqis sever iżda temporanju fl-attività ekonomika u n-nuqqasijiet ta' likwidità li rriżultaw.

- (5) L-istituzzjonijiet se jkollhom rwol ewlieni biex jikkontribwixxu għall-irkupru. Fl-istess ħin dawn x'aktarx se jiġu affettwati mis-sitwazzjoni ekonomika li sejra għall-agħar. **L-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) ('ABE')** stabbilita mir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹², **l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) ('AETS')** stabbilita mir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹³ u l-awtoritajiet kompetenti pprovdew kapital, likwidità u għajnuna operazzjonali temporanji lill-istituzzjonijiet biex jiżguraw li l-istituzzjonijiet jkunu jistgħu jkomplu jwettqu r-rwol tagħhom fil-finanzjament tal-ekonomija reali minkejja l-ambjent aktar diffiċli. **B'mod partikolari**, il-Kummissjoni, il-Bank Ċentrali Ewropew u **l-ABE** pprovdew ċarezza dwar fir-rigward tal-applikazzjoni tal-flessibbiltà diġà inkorporata fir-Regolament (UE) Nru 575/2013 billi ħarġu interpretazzjonijiet u gwida dwar l-applikazzjoni tal-qafas prudenzjali fil-kuntest tal-COVID-19. **Tali gwida tinkludi l-komunikazzjoni interpretattiva tal-Kummissjoni tat-28 ta' April 2020 dwar l-applikazzjoni tal-oqfsa kontabilistiċi u prudenzjali biex jiġi ffaċilitat is-self tal-banek tal-UE - appoġġ lin-negozji u lill-unitajiet domestiċi fil-kuntest tal-COVID-19.** B'reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19, il-BCBS (*Basel Committee on Banking Supervision*) ipprova wkoll xi flessibbiltà fl-applikazzjoni tal-istandards internazzjonali.

¹² **Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jstabilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d- Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).**

¹³ **Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jstabilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84).**

- (6) Huwa importanti li l-istituzzjonijiet jużaw il-kapital tagħhom fejn huwa l-aktar meħtieġ u li l-qafas regolatorju tal-Unjoni jiffaċilita l-azzjoni tagħhom f'dan ir-rigward filwaqt li jiġi żgurat li l-istituzzjonijiet jaġixxu b'mod prudenti. Barra mill-flessibilità pprovduta diġà fir-regoli eżistenti, il-bidliet immirati li jsiru fir-Regolamenti (UE) Nru 575/2013 u (UE) 2019/876 jiżguraw li dan il-qafas regolatorju prudenzjali jinteraġixxi mingħajr xkiel mad-diversi miżuri li jindirizzaw il-pandemija tal-COVID-19.
- (7) Iċ-ċirkustanzi straordinarji tal-pandemija tal-COVID-19 u l-kobor bla preċedent tal-isfidi li ġew kreati jitolbu azzjoni immedjata biex jiġi żgurat li l-istituzzjonijiet ikunu jistgħu jikkanalizzaw fondi lejn negozji u unitajiet domestiċi effettivament u *jimmitigaw* ix-xokk ekonomiku kkawżat mill-pandemija tal-COVID-19.
- (8) Il-garanziji pprovduti fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19 mill-gvernijiet nazzjonali jew minn entitajiet pubbliċi oħra, li huma *kkunsidrati bħala ugwalment ta' affidabilità kreditizja* taħt l-Approċċ Standardizzat għar-riskju ta' kreditu stabbilit fil-Parti Tlieta tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, huma komparabbli *fir-rigward tal-effetti* tagħhom ta' mitigazzjoni tar-riskju għal garanziji pprovduti minn aġenziji uffiċjali ta' kreditu għall-esportazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 47c tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. Huwa għalhekk ġustifikat li jiġu allinjati r-rekwiżiti ta' kopertura minima għal skoperturi improduttivi li jibbenefikaw minn garanziji mogħtija minn gvernijiet nazzjonali jew entitajiet pubbliċi oħrajn ma' dawk *għal skoperturi improduttivi* li jibbenefikaw minn garanziji mogħtija minn aġenziji uffiċjali ta' kreditu għall-esportazzjoni.

(9) L-evidenza **li** haġġet fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19 għamlitha ċara li l-possibbiltà li ċerti skoperturi għal banek ċentrali jiġu **esklużi** temporanjament mill-kalkolu tal-miżura ta' skopertura totali ta' istituzzjoni, kif stabbilit fl-Artikolu 429a tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 kif emendat bir-Regolament (UE) 2019/876, tista' tkun essenzjali waqt sitwazzjoni ta' kriżi. Madankollu, **id-diskrezzjoni li jiġu esklużi tali skoperturi issir applikabbli biss fit-28 ta' Ġunju 2021. Għalhekk, qabel dik id-data, l-awtoritajiet kompetenti ma jkunux jistgħu jużaw dak l-istrument biex jindirizzaw iż-żieda fl-iskoperturi għal banek ċentrali li mistennija sseħħ bħala riżultat tal-miżuri ta' politika monetarja użati biex jimmitigaw l-impatt ekonomiku tal-pandemija tal-COVID-19. Barra minn hekk, l-effettività ta' dak l-istrument** tidher li hija mxejnkla min-nuqqas ta' flessibbiltà li jirriżulta mill-mekkaniżmu ta' kumpens marbut ma' tali esklużjonijiet temporanji, **li** jirrestrinġi l-kapaċità tal-istituzzjonijiet li jżidu l-iskoperturi għal banek ċentrali f'sitwazzjoni ta' kriżi. **Dan** jista', fl-aħħar mill-aħħar, iwassal biex **istituzzjoni** tkun imġiegħla tnaqqas il-livell **tagħha** ta' self lill-unitajiet domestiċi u lin-negozji. **Għalhekk**, sabiex tiġi evitata kwalunkwe konsegwenza mhux mixtieqa relatata mal-mekkaniżmu ta' kumpens u sabiex tiġi żgurata l-effettività ta' dik l-esklużjoni fil-konfront ta' xokkijiet u kriżijiet futuri possibbli, il-mekkaniżmu ta' kumpens jenħtieġ li jiġi modifikat. **Addizzjonalment, sabiex ikun żgurat li dik id-diskrezzjoni tkun disponibbli matul il-pandemija kurrenti tal-COVID-19, jenħtieġ li l-possibbiltà li ċerti skoperturi għal banek ċentrali jiġu esklużi temporanjament tkun diġà disponibbli** qabel ma jsir applikabbli, fit-28 ta' Ġunju 2021, ir-rekwiżit tal-proporzjon ta' lieva finanzjarja stabbilit fil-punt (d) tal-Artikolu 92(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. Sa meta jiġu applikati d-dispożizzjonijiet emendati dwar il-kalkolu tal-proporzjon ta' lieva finanzjarja kif introdotti mir-Regolament (UE) 2019/876, jenħtieġ li l-Artikolu 429a ikompli japplika fil-formulazzjoni kif introdotta mir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 2015/62¹⁴.

¹⁴ Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/62 tal-10 ta' Ottubru 2014 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward il-proporzjon ta' ingranaġġ (ĠU L 11, 17.1.2015, p. 37).

- (10) *Fl-2017, il-BCBS irreveda l-kalkolu tal-valur tal-iskopertura għall-proporzjon ta' lieva finanzjarja fir-rigward ta' xiri mħallas fi żmien regolari u bejgħ li jkollhom is-saldu pendent sabiex ikun żgurat li t-trattament jirrifletti korrettament il-lieva finanzjarja inerenti assoċjata ma dak il-kummerċ u sabiex id-differenzi kontabilistiċi possibbli ma jaffettwawx il-kalkolu fost l-istituzzjonijiet f'pożizzjonijiet komparabbli. Fl-Unjoni, ir-reviżjoni ġiet introdotta mir-Regulation (UE) 2019/876. Madankollu, dak it-trattament aktar favorevoli jsir applikabbli biss fit-28 ta' Ġunju 2021. Għalhekk, ladarba l-kalkolu rivedut ikun jirrifletti l-lieva finanzjarja reali ta' tranżazzjoni b'mod aktar adatt u, fl-istess ħin, iżid il-kapaċità ta' istituzzjoni biex issellef u biex tassorbi t-telf fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19, jenħtiegħ li l-istituzzjonijiet ikollhom diġà l-possibbiltà li japplikaw temporanjament il-kalkolu rivedut qabel ma ssir applikabbli, għall-istituzzjonijiet kollha fl-Unjoni, id-dispożizzjoni introdotta mir-Regulation (UE) 2019/876.*

- (11) Ħafna istituzzjonijiet li joperaw fl-Unjoni kienu soġġetti għall-IFRS 9 mill-1 ta' Jannar 2018 'l hawn. F'konformità mal-istandards internazzjonali adottati mill-BCBS, ir-Regolament (UE) 2017/2395 introduċa fir-Regolament (UE) Nru 575/2013 arranġamenti tranżizzjonali biex jiġi mmitigat l-impatt negattiv potenzjalment sinifikanti fuq il-kapital ta' Ekwiżità Komuni ta' Grad 1 tal-istituzzjonijiet li jirriżulta mill-kontabilità tat-telf ta' kreditu mistenni skont l-IFRS 9.
- (12) L-applikazzjoni tal-IFRS 9 matul it-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku kkawżat mill-pandemija tal-COVID-19 *tista'* twassal għal żieda sinifikanti f'daqqa fil-provvedimenti għat-telf ta' kreditu mistenni billi, għal ħafna skoperturi, it-telf mistenni tul il-ħajja tagħhom *jistax* jkun meħtieġ li jiġi kkalkulat. ***Il-BCBS, l-ABE u l-AETS iċċaraw li l-istituzzjonijiet huma mistennija li ma japplikawx mekkanikament l-approċċi eżistenti tagħhom għat-telf ta' kreditu mistenni f'sitwazzjonijiet straordinarji bħal dik tal-pandemija tal-COVID-19 iżda li minflok jużaw il-flessibilità inerenti fl-IFRS 9, pereżempju sabiex jagħtu l-kunsiderazzjoni dovuta lil xejriet ekonomiċi fuq terminu twil ta' żmien.*** Fit-3 ta' April 2020, il-BCBS qabel li jippermetti aktar flessibilità fl-implimentazzjoni tal-arranġamenti tranżizzjonali li b'mod gradwali jintroduċu l-impatt tal-IFRS 9. Biex tiġi limitata l-volatilità possibbli tal-kapital regolatorju li *tista'* sseħħ jekk ***il-pandemija*** tal-COVID-19 tirriżulta f'żieda sinifikanti ta' dispożizzjonijiet tat-telf ta' kreditu mistenni, huwa meħtieġ li jiġu estiżi l-arranġamenti tranżizzjonali wkoll fil-liġi tal-Unjoni.

- (13) Biex jiġi mmitigat l-impatt potenzjali li żieda f'daqqa fil-provvedimenti tat-telf ta' kreditu mistenni jista' jkollha fuq il-kapaċità tal-istituzzjonijiet li jsejlfu lill-klijenti fi żminijiet meta tkun l-aktar meħtieġa, l-arranġamenti tranżizzjonali jenħtieġ li jiġu estenzi b'sentejn, u jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jitħallew iwettqu reintegrazzjoni totali tal-kapital tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni tagħhom ta' kwalunkwe żieda fi provvedimenti ġodda ta' telf ta' kreditu mistenni li huma jirrikonoxxu fl-2020 u l-2021 għall-assi finanzjarji tagħhom li ma jkunux indeboliti fil-kreditu. Dawk il-bidliet iwasslu għal sollied addizzjonali mill-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 fuq iż-żieda possibbli fir-rigward tal-istituzzjonijiet fil-ħtiġijiet ta' provviżjonament taħt l-IFRS 9 filwaqt li jinżammu l-arranġamenti tranżizzjonali għall-ammonti ta' telf ta' kreditu mistenni stabbiliti qabel il-pandemija tal-COVID-19.
- (14) ***Jenħtieġ li l-istituzzjonijiet li preċedement iddeċidew li jużaw jew li ma jużawx l-arranġamenti tranżizzjonali jkunu jistgħu jreggħu lura dik id-deċiżjoni fi kwalunkwe ħin matul il-perijodu tranżizzjonali ġdid, dment li jirċievu l-permess għal dan minn qabel mill-awtorità kompetenti tagħhom. L-awtorità kompetenti jenħtieġ li tiżgura li tali treggħigh lura ma jkunx motivat minn kunsiderazzjonijiet ta' arbitraġġ regulatorju.*** Sussegwentement, u soġġett għall-***permess minn qabel mill-awtorità kompetenti, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet ikollhom il-possibbiltà li jiddeċiedu li jieqfu milli jużaw l-arranġamenti tranżizzjonali.***

(15) *L-impatt straordinarju tal-pandemija tal-COVID-19 huwa osservat ukoll relattivament għal-livelli estremi ta' volatilità fis-swieq finanzjarji, li flimkien mal-inċertezza qegħdin jagħtu lok għall-għoti ta' aktar rendiment mid-dejn pubbliku li, min-naħa tiegħu, iwassal għal telf mhux irkuprat fid-depożiti tal-istituzzjonijiet tad-dejn pubbliku. Sabiex jiġi mmitigat l-impatt negattiv kunsiderabbli tal-volatilità fis-swieq tad-dejn tal-gvern ċentrali matul il-pandemija tal-COVID-19 fuq il-kapital regolatorju tal-istituzzjonijiet u b'hekk fuq il-kapaċità tal-istituzzjonijiet biex isellfu lill-klijenti, jenħtieġ li jiġi stabbilit mill-ġdid filtru prudenzjali temporanju li jinnewtralizza dak l-impatt.*

(16) *L-istituzzjonijiet huma meħtieġa jagħmlu kontroll retrospettiv kuljum tal-mudelli interni tagħhom sabiex iqisu jekk dawk il-mudelli jiġġenerawx rekwiżiti kapitali suffiċjenti biex jiġi assorbit telf ta' portafoll tan-negozjar. L-okkorrenzi fejn ikun falla r-rekwiżit ta' kontroll retrospettiv, okkorrenzi magħrufa wkoll bħala qabżiet fil-valur, għal aktar minn ċertu numru ta' drabi fis-sena, jirriżultaw fl-applikazzjoni ta' multiplikatur kwantitattiv addizzjonali lir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq ikkalkulat bl-użu ta' mudelli interni. Ir-rekwiżit ta' kontroll retrospettiv huwa proċikliku ferm f'perijodu ta' volatilità estrema, bħal dik ikkawżata mill-pandemija tal-COVID-19. Bħala riżultat tal-kriżi, żdied sinifikattivament il-multiplikatur kwantitattiv għar-riskju tas-suq applikat lill-mudelli interni. Filwaqt li l-qafas tal-Basel III għar-riskju tas-suq jippermetti lill-awtoritajiet kompetenti biex jillivellaw tali istanzi fil-mudelli interni għar-riskju tas-suq, tali diskrezzjoni superviżorja mhijiex kompletament disponibbli taħt ir-Regolament (UE) Nru 575/2013. Għalhekk, jenħtieġ li aktar flessibilità għall-awtoritajiet kompetenti biex jimmitigaw l-effetti negattivi tal-volatilità estrema fis-swieq osservata matul il-pandemija tal-COVID-19 tiġi introdotta sabiex jiġu esklużi l-qabżiet fil-valur li okkorrew bejn l-1 ta' Jannar 2020 u l-31 ta' Diċembru 2021 li mhumiex riżultat ta' defiċjenzi fil-mudelli interni. Abbażi tal-esperjenza mill-pandemija tal-COVID-19, jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta jekk tali flessibilità għandhiex issir disponibbli wkoll matul episodji futuri ta' volatilità estrema fis-swieq.*

(17) F'Marzu 2020, il-Grupp tal-Gvernaturi tal-Banek Ċentrali u l-Kapijiet tas-Superviżjoni irrevedew l-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tal-elementi finali tal-qafas ta' Basel III. Filwaqt li l-biċċa l-kbira tal-elementi finali għad iridu jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni, ir-rekwiżit ta' riżerva għall-proporzjon ta' lieva finanzjarja għal istituzzjonijiet globali sistemikament importanti diġà ġie implimentat permezz tal-emendi introdotti permezz tar-Regolament (UE) 2019/876. Għalhekk, u sabiex ikunu żgurati, fil-livell internazzjonali, kondizzjonijiet ugwali ta' kompetizzjoni għall-istituzzjonijiet stabbiliti fl-Unjoni u li joperaw ukoll barra mill-Unjoni, jenħtieġ li d-data tal-applikazzjoni għar-rekwiżit ta' riżerva għall-proporzjon ta' lieva finanzjarja stabbilit f'dak ir-Regolament tiġi differita b'sena sal-1 ta' Jannar 2023. Bl-applikazzjoni posposta tar-rekwiżit ta' riżerva għall-proporzjon ta' lieva finanzjarja, matul il-perijodu ta' posponiment ma jkun hemm l-ebda konsegwenza li tirriżulta min-nuqqas ta' adempiment ta' dak ir-rekwiżit kif stabbilit fl-Artikolu 141c tad-Direttiva 2013/36/UE u l-ebda restrizzjoni relatata fuq id-distribuzzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 141b ta' dik id-Direttiva.

- (18) ***Fir-rigward ta'*** self mogħti minn istituzzjonijiet ta' kreditu lil pensjonanti jew impjegati b'kuntratt permanenti kontra t-trasferiment inkondizzjonat, lil dik l-istituzzjoni ta' kreditu, ta' parti mill-pensjoni jew salarju ta' dak li qed jissellef, l-Artikolu 123 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 ġie emendat bir-Regolament (UE) 2019/876 biex jippermetti ***t***-trattament aktar favorevoli ta' tali self. L-applikazzjoni ta' ***tali*** trattament fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19 tinċentiva lill-istituzzjonijiet biex iżidu fis-self lill-impjegati u lill-pensjonanti. Għalhekk jeħtieġ li tiġi avvanzata d-data tal-applikazzjoni ta' dik id-dispożizzjoni biex din tkun tista' tintuża ***diġà*** minn istituzzjonijiet matul il-pandemija tal-COVID-19.
- (19) Ladarba l-fattur ta' appoġġ għall-SMEs u l-fattur ta' appoġġ għall-infrastruttura jippermettu trattament aktar favorevoli ta' ċerti skoperturi għall-SMEs u l-infrastruttura, l-applikazzjoni tagħhom fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19 tinċentiva lill-istituzzjonijiet biex iżidu s-self tant meħtieġ. Għalhekk jeħtieġ li tiġi avvanzata d-data ta' applikazzjoni taż-żewġ fatturi ta' appoġġ biex dawn ikunu jistgħu jintużaw diġà minn istituzzjonijiet matul il-pandemija tal-COVID-19.

- (20) It-trattament prudenzjali ta' ċerti assi tas-softwer kien ġie emendat bir-Regolament (UE) 2019/876 biex tkompli tiġi appoġġata t-tranżizzjoni lejn settur bankarju aktar diġitalizzat. Fil-kuntest tal-użu aċċellerat tas-servizzi diġitali bħala konsegwenza ta' miżuri pubbliċi adottati biex tiġi indirizzata l-pandemija tal-COVID-19, jenħtieġ li tiġi avvanzata d-data tal-applikazzjoni ta' dawk il-bidliet.
- (21) *Il-finanzjament pubbliku permezz tal-ħruġ ta' bonds tal-gvern denominati fil-munita domestika ta' Stat Membru ieħor tista' tkun meħtieġa biex jiġu appoġġati miżuri li jindirizzaw il-konsegwenzi tal-pandemija tal-COVID-19. Sabiex jiġu evitati restrizzjonijiet mhux meħtieġa fuq istituzzjonijiet li jinvestu f'tali bonds, huwa kunsiljabbli li jiġu introdotti mill-ġdid l-arranġamenti tranżizzjonali għall-iskoperturi għall-gvernijiet ċentrali u banek ċentrali fejn dawk l-iskoperturi jkunu denominati fil-munita domestika ta' Stat Membru ieħor fir-rigward tat-trattament ta' tali skoperturi taħt il-qafas tar-riskju għall-kreditu u li l-arranġamenti tranżizzjonali jiġu estiżi fir-rigward tat-trattament ta' tali skoperturi taħt limiti kbar ta' skopertura.*

- (22) *Fiċ-ċirkustanzi eċċezzjonali kreati mill-pandemija tal-COVID-19, il-partijiet interessati huma mistennija jikkontribwixxu fl-isforzi lejn ir-ristawrazzjoni tas-sitwazzjoni. L-ABE, il-Bank Ċentrali Ewropew u awtoritajiet kompetenti oħrajn ħarġu rakkomandazzjonijiet għall-istituzzjonijiet biex jissospendu l-ħlasijiet ta' dividendi u r-riakkwisti ta' ishma matul il-pandemija tal-COVID-19. Sabiex jiżguraw l-applikazzjoni konsistenti ta' tali rakkomandazzjonijiet, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jagħmlu użu sħiħ mis-setgħat superviżorji tagħhom, inklużi setgħat biex jimponu restrizzjonijiet vinkolanti fuq id-distribuzzjonijiet għall-istituzzjonijiet jew limitazzjonijiet fuq ir-remunerazzjoni varjabbli, fejn ikun adatt, f'konformità mad-Direttiva 2013/36/UE. Abbażi tal-esperjenza mill-pandemija tal-COVID-19, jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta jekk għandhomx jingħataw setgħat vinkolanti addizzjonali lill-awtoritajiet kompetenti biex jimponu restrizzjonijiet fuq id-distribuzzjonijiet f'ċirkustanzi eċċezzjonali.*
- (23) Minħabba li l-għan ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li tiġi massimizzata l-kapaċità tal-istituzzjonijiet biex isellfu u jassorbu t-telf relatat mal-pandemija tal-COVID-19, filwaqt li tibqa' tiġi żgurata r-reżiljenza kontinwa ta' tali l-istituzzjonijiet, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda pjuttost jista', minħabba l-iskala u l-effetti tiegħu, jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità l-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jinkiseb dak l-għan.

- (24) Biex il-miżuri straordinarji ta' appoġġ adottati biex jimmitigaw l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 ikunu kompletament effettivi fir-rigward taż-żamma tas-settur bankarju f'qagħda ta' aktar reżiljenza u fir-rigward tal-ġhoti ta' inċentiv lill-istituzzjonijiet biex ikomplu jsellfu, huwa meħtieġ li l-effett ta' mitigazzjoni ta' dawk il-miżuri jiġi rifless immedjatament fil-mod kif jiġu ddeterminati r-rekwiżiti kapitali regolatorji. Filwaqt li titqies l-urġenza ta' dawk l-aġġustamenti għall-qafas regolatorju prudenzjali, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
- (25) Minħabba l-urġenza li tirriżulta miċ-ċirkustanzi eċċezzjonali kkawżati mill-pandemija tal-COVID-19, tqies li huwa xieraq li ssir eċċezzjoni għall-perijodu ta' tmien ġimgħat imsemmi fl-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 1 dwar ir-rwol tal-Parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika.
- (26) Ir-Regolamenti (UE) Nru 575/2013 u (UE) 2019/876 għalhekk jenħtieġ li jiġu emendati skont dan,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi għar-Regolament (UE) Nru 575/2013

Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 huwa emendat kif ġej:

(1) *fl-Artikolu 47c(4), il-frażi introdutturja hija sostitwita b'din li ġejja:*

"4. B'deroga mill-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, il-fatturi li ġejjin għandhom japplikaw għall-parti tal-iskopertura improduttiva garantita jew assigurata minn aġenzija uffiċjali ta' kreditu għall-esportazzjoni jew garantita jew kontrogarantita minn fornitur eliġibbli tal-protezzjoni msemmi fil-punti (a) sa (e) tal-Artikolu 201(1), skoperturi mhux garantiti li lilhom ikun assenjat piż tar-riskju ta' 0 % taħt il-Kapitolu 2 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta:";

(2) *fl-Artikolu 114, il-paragrafu 6 jitħassar;*

(3) *fl-Artikolu 150(1), il-punt (ii) tal-punt (d) tal-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:*

"(ii) l-iskoperturi għall-gvernijiet ċentrali u għall-banek ċentrali jkunu assenjati piż tar-riskju ta' 0 % skont l-Artikolu 114(2) jew (4);"

- (4) l-Artikolu 429a, kif emendat mir-Regolament (UE) 2019/876, huwa emendat kif ġej:
- (a) fil-paragrafu 1, il-frażi introduttorja tal-punt (n) hija sostitwita b'dan li ġej:
“(n) l-iskoperturi li ġejjin għall-bank ċentrali tal-istituzzjoni, soġġett għall-kondizzjonijiet stipulati fil-paragrafi 5 u 6.”;
- (b) *il-paragrafu 5 huwa emendat kif ġej:*
- (i) *is-sentenza introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:*
- “L-istituzzjonijiet jistgħu jeskludu l-iskoperturi elenkati fil-punt (n) tal-paragrafu 1 fejn ikunu ssodisfati l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin.”;*

(ii) *jizzied il-punt li ġej:*

“(c) l-awtorità kompetenti tal-istituzzjoni tkun iddeterminat, wara konsultazzjoni mal-bank ċentrali rilevanti, id-data meta ċ-ċirkostanzi eċċezzjonali jitqiesu li bdew u ddikjarat pubblikament dik id-data; dik id-data għandha tiġi ffissata fit-tmiem ta' trimestru.”;

(c) fil-paragrafu 7, id-definizzjonijiet ta' “EM_{LR}” u “CB” huma sostitwiti b'dan li ġej:
“EM_{LR} = il-miżura tal-iskopertura totali tal-istituzzjoni kif kalkolata f'konformità mal-Artikolu 429(4), inklużi l-iskoperturi esklużi f'konformità mal-punt (n) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, *fid-data* msemija fil-punt (c) tal-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu; u
CB = il-valur totali *medju ta' kuljum* tal-iskoperturi tal-istituzzjoni għall-bank ċentrali tiegħu, *ikkalkulat tul il-perijodu sħiħ ta' żamma ta' riservi tal-bank ċentrali immedjatament qabel id-data msemija fil-punt (c) tal-paragrafu 5*, li huma eliġibbli li jiġu esklużi skont il-punt (n) tal-paragrafu 1.”;

(5) *l-Artikolu 467 jitħassar;*

(6) *l-Artikolu 468 huwa sostitwit b'dan li ġej:*

"Artikolu 468

Trattament temporanju ta' qligħ u telf mhux realizzati mkejla b'valur ġust permezz ta' introjtu komprensiv ieħor fid-dawl tal-pandemija tal-COVID-19

1. *B'deroga mill-Artikolu 35, matul il-perijodu mill-1 ta' Jannar 2020 sal-31 ta' Diċembru 2022 (il-'perijodu tat-trattament temporanju'), l-istituzzjonijiet jistgħu jneħħu mill-kalkolu tal-entrati tagħhom ta' Grad 1 ta' Ekwità Komuni l-ammont A, determinat skont il-formula li ġejja:*

$$A = a \cdot f$$

fejn:

a = l-ammont ta' qligħ u telf mhux realizzati akkumulati mill-31 ta' Diċembru 2019 li tqiesu bħala "bidliet fil-valur ġust ta' strumenti ta' dejn imkejla b'valur ġust permezz ta' introjtu komprensiv ieħor" fil-karta tal-bilanċ, li jikkorrispondu għal skoperturi għal gvernijiet ċentrali, gvernijiet reġjonali jew għal awtoritajiet lokali msemmija fl-Artikolu 115(2) ta' dan ir-Regolament u għal entitajiet tas-settur pubbliku msemmija fl-Artikolu 116(4) ta' dan ir-Regolament, esklużi dawk l-assi finanzjarji b'indeboliment fil-kreditu kif definit fl-Appendiċi A tal-Anness għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1126/2008 ("Anness dwar l-IFRS 9"); u

f = il-fattur applikabbli għal kull sena ta' rappurtar tal-perijodu tat-trattament temporanju f'konformità mal-paragrafu 2.

2. *L-istituzzjonijiet għandhom japplikaw il-fatturi 'f' li ġejjin biex jikkalkulaw l-ammont A msemmi fil-paragrafu 1:*

(a) *1 matul il-perijodu mill-1 ta' Jannar 2020 sal-31 ta' Diċembru 2020;*

(b) *0,7 matul il-perijodu mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2021;*

(c) *0,4 matul il-perijodu mill-1 ta' Jannar 2022 sal-31 ta' Diċembru 2022.*

3. *Fejn istituzzjoni tiddeċiedi li tapplika t-trattament temporanju stabbilit fil-paragrafu 1, hija għandha tinforma lill-awtorità kompetenti bid-deċiżjoni tagħha mill-inqas 45 jum qabel id-data ta' spedizzjoni għar-rappurtar tal-informazzjoni abbażi ta' dak it-trattament. Soġġett għal permess minn qabel tal-awtorità kompetenti, l-awtorità tista' tbiddel id-deċiżjoni inizjali tagħha għal darba matul il-perijodu tat-trattament temporanju. L-istituzzjonijiet għandhom jiddivulgaw pubblikament jekk japplikawx dak it-trattament.*

4. *Fejn istituzzjoni tneħħi ammont ta' telf mhux realizzat mill-entrati tagħha tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, hija għandha tikkalkula mill-ġdid ir-rekwiżiti kollha stabbiliti f'dan ir-Regolament u fid-Direttiva 2013/36/UE li huma kalkulati bl-użu ta' kwalunkwe waħda mill-entrati li ġejjin:*

(a) *l-ammont ta' assi ta' taxxa differita li jitnaqqas mill-elementi tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni f'konformità mal-punt (c) tal-Artikolu 36(1) jew ponderat skont ir-riskju f'konformità mal-Artikolu 48(4);*

(b) *l-ammont tal-aġġustamenti speċifiċi għar-riskju ta' kreditu.*

Meta jiġi kkalkulat mill-ġdid ir-rekwiżit rilevanti, l-istituzzjoni ma għandhiex tqis l-effetti li l-provvedimenti għat-telf ta' kreditu mistenni relatati ma' skoperturi għal gvernijiet ċentrali, għal gvernijiet reġjonali jew għal awtoritajiet lokali msemmija fl-Artikolu 115(2) ta' dan ir-Regolament u għal entitajiet tas-settur pubbliku msemmija fl-Artikolu 116(4) ta' dan ir-Regolament, għajr dawk l-assi finanzjarji b'indeboliment fil-kreditu kif definit fl-Appendiċi A għall-Anness fir-rigward tal-IFRS 9, ikollhom fuq dawk l-entrati.

5. *Matul il-perijodi stabbiliti fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, minbarra li jiżvelaw l-informazzjoni meħtieġa fil-Parti Tmienja, l-istituzzjonijiet li ddeċidew li japplikaw it-trattament temporanju stabbilit fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jiżvelaw l-ammonti ta' fondi proprji, il-kapital tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni u l-kapital tal-Grad 1, il-proporzjon totali tal-kapital, il-proporzjon tal-kapital tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni, il-proporzjon tal-kapital tal-Grad 1, u l-proporzjon ta' lieva finanzjarja li jkollhom f'każ li ma japplikawx dak it-trattament."*

(7) l-Artikolu 473a huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(i) fl-ewwel subparagrafu, il-frażi introdutturja hija sostitwita b'dan li ġej:

"1. B'deroga mill-Artikolu 50 u sa tmiem il-perijodi tranżitorji stabbiliti fil-paragrafu 6 u 6a ta' dan l-Artikolu, is-segweni jistgħu jinkludu fil-kapital tagħhom tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni l-ammont ikkalkolat f'konformità ma' dan il-paragrafu:";

(ii) it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"L-ammont imsemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jiġi kkalkulat bħala s-somma ta' dan li ġej:

(a) għal skoperturi li huma soġġetti għall-ponderazzjoni tar-riskju f'konformità mal-Kapitolu 2 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta, l-ammont (AB_{SA}) ikkalkulat f'konformità mal-formula li ġejja:

$$AB_{SA} = (A_{2,SA} - t_1) \cdot f_1 + (A_{4,SA} - t_2) \cdot f_2 + (A_{SA}^{old} - t_3) \cdot f_1$$

fejn:

$A_{2,SA}$ = l-ammont ikkalkulat f'konformità mal-paragrafu 2;

$A_{4,SA}$ = l-ammont ikkalkulat f'konformità mal-paragrafu 4 abbażi tal-ammonti kkalkulati f'konformità mal-paragrafu 3;

$$A_{SA}^{old} = \max\{P_{1.1.2020}^{SA} - P_{1.1.2018}^{SA}; 0\};$$

$P_{1.1.2020}^{SA}$ = is-somma tat-telf ta' kreditu mistenni fi 12-il xahar iddeterminata f'konformità mal-paragrafu 5.5.5 tal-Anness dwar l-IFRS 9 u l-ammont tal-kopertura għal telf ta' kreditu mistenni tul il-ħajja ddeterminata f'konformità mal-paragrafu 5.5.3 tal-Anness dwar l-IFRS 9, għajr il-kopertura għal telf ta' kreditu mistenni tul il-ħajja għal assi finanzjarji b'indeboliment fil-kreditu kif definit fl-Appendiċi A għall-Anness dwar l-IFRS 9, fl-1 ta' Jannar 2020;

$P_{1.1.2018}^{SA}$ = is-somma tat-telf ta' kreditu mistenni fi 12-il xahar iddeterminata f'konformità mal-paragrafu 5.5.5 tal-Anness dwar l-IFRS 9 u l-ammont tal-kopertura għal telf ta' kreditu mistenni tul il-ħajja ddeterminata f'konformità mal-paragrafu 5.5.3 tal-Anness dwar l-IFRS 9, għajr il-kopertura għal telf ta' kreditu mistenni tul il-ħajja għal assi finanzjarji b'indeboliment fil-kreditu kif definit fl-Appendiċi A għall-Anness dwar l-IFRS 9, fl-1 ta' Jannar 2018 jew fid-data tal-ewwel applikazzjoni tal-IFRS 9, skont liema minnhom tiġi l-aktar tard;

f_1 = il-fattur applikabbli stipulat fil-paragrafu 6;

f_2 = il-fattur applikabbli stipulat fil-paragrafu 6a;

t_1 = iż-żieda fil-kapital tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni minħabba t-tnaqqis mit-taxxa tal-ammont $A_{2,SA}$;

t_2 = iż-żieda fil-kapital tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni minħabba t-tnaqqis mit-taxxa tal-ammont $A_{4,SA}$;

t_3 = iż-żieda fil-kapital tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni minħabba t-tnaqqis mit-taxxa tal-ammont A_{SA}^{old} ;

- (b) għal skoperturi li huma soġġetti għall-ponderazzjoni tar-riskju f'konformità mal-Kapitolu 3 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta, l-ammont (AB_{IRB}) ikkalkulat f'konformità mal-formula li ġejja:

$$AB_{IRB} = (A_{2,IRB} - t_1) \cdot f_1 + (A_{4,IRB} - t_2) \cdot f_2 + (A_{IRB}^{old} - t_3) \cdot f_1$$

fejn:

$A_{2,IRB}$ = l-ammont ikkalkulat f'konformità mal-paragrafu 2 **li huwa** aġġustat f'konformità mal-punt (a) tal-paragrafu 5;

$A_{4,IRB}$ = l-ammont ikkalkulat f'konformità mal-paragrafu 4 fuq il-bażi tal-ammonti kkalkulati f'konformità mal-paragrafu 3 li huma aġġustati f'konformità mal-punti (b) u (c) tal-paragrafu 5;

$$A_{IRB}^{old} = \max\{P_{1.1.2020}^{IRB} - P_{1.1.2018}^{IRB}; 0\};$$

$P_{1.1.2020}^{IRB}$ = *is-somma tat-telf ta' kreditu mistenni fi 12-il xahar iddeterminata f'konformità mal-paragrafu 5.5.5 tal-Anness dwar l-IFRS 9 u l-ammont tal-kopertura għal telf ta' kreditu mistenni tul il-ħajja ddeterminata f'konformità mal-paragrafu 5.5.3 tal-Anness dwar l-IFRS 9, għajr il-kopertura għal telf ta' kreditu mistenni tul il-ħajja għal assi finanzjarji b'indeboliment fil-kreditu, kif definit fl-Appendiċi A għall-Anness dwar l-IFRS 9, imnaqqsa bis-somma tal-ammonti relatati ta' telf mistenni għall-istess skoperturi kkalkulati f'konformità mal-Artikolu 158(5), (6) u (10) ta' dan ir-Regolament, fl-1 ta' Jannar 2020. Fejn il-kalkolu jirriżulta f'ċifra negattiva, l-istituzzjoni għandha tistabbilixxi l-valur ta' $P_{1.1.2020}^{IRB}$ għal zero;*

$P_{1.1.2018}^{IRB}$ = is-somma tat-telf ta' kreditu mistenni fi 12-il xahar iddeterminata f'konformità mal-paragrafu 5.5.5 tal-Anness dwar l-IFRS 9 u l-ammont tal-kopertura għal telf ta' kreditu mistenni tul il-ħajja ddeterminat f'konformità mal-paragrafu 5.5.3 tal-Anness dwar l-IFRS 9, għajr il-kopertura għal telf ta' kreditu mistenni tul il-ħajja għal assi finanzjarji b'indeboliment fil-kreditu, kif definit fl-Appendiċi A għall-Anness dwar l-IFRS 9, fl-1 ta' Jannar 2018 jew fid-data tal-ewwel applikazzjoni tal-IFRS 9, skont liema minnhom tiġi l-aktar tard, imnaqqa bis-somma tal-ammonti relatati ta' telf mistenni għall-istess skoperturi kkalkulati f'konformità mal-Artikolu 158(5), (6) u (10) ta' dan ir-Regolament. Fejn il-kalkolu jirriżulta f'ċifra negattiva, l-istituzzjoni għandha tistabbilixxi l-valur ta' $P_{1.1.2018}^{IRB}$ għal zero;

f_1 = il-fattur applikabbli stipulat fil-paragrafu 6;

f_2 = il-fattur applikabbli stipulat fil-paragrafu 6a;

t_1 = iż-żieda fil-kapital tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni minħabba t-tnaqqis mit-taxxa tal-ammont $A_{2,IRB}$;

t_2 = żieda fil-kapital tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni minħabba t-tnaqqis mit-taxxa tal-ammont $A_{4,IRB}$;

t_3 = iż-żieda fil-kapital tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni minħabba t-tnaqqis mit-taxxa tal-ammont A_{IRB}^{old} ";

(b) fil-paragrafu 3, *il-punti (a) u (b)* huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(a) is-somma tat-telf ta' kreditu mistenni fi 12-il xahar iddeterminata f'konformità mal-paragrafu 5.5.5 tal-Anness dwar l-IFRS 9 u l-ammont tal-kopertura għal telf ta' kreditu mistenni tul il-ħajja ddeterminata f'konformità mal-paragrafu 5.5.3 tal-Anness dwar l-IFRS 9, għajr il-kopertura għal telf ta' kreditu mistenni tul il-ħajja għal assi finanzjarji b'indeboliment fil-kreditu kif definit fl-Appendiċi A għall-Anness dwar l-IFRS 9, fid-data ta' rapportar u, fejn ikun japplika l-Artikolu 468 ta' dan ir-Regolament, għajr it-telf ta' kreditu mistenni ddeterminat għal skoperturi mkejla b'valur ġust permezz ta' dħul komprensiv ieħor f'konformità mal-paragrafu 4.1.2 A tal-Anness dwar l-IFRS 9;

- (b) is-somma tat-telf ta' kreditu mistenni fi 12-il xahar iddeterminata f'konformità mal-paragrafu 5.5.5 tal-Anness dwar l-IFRS 9 u l-ammont tal-kopertura għal telf ta' kreditu mistenni tul il-ħajja dterminata f'konformità mal-paragrafu 5.5.3 tal-Anness dwar l-IFRS 9, għajr il-kopertura għal telf ta' kreditu mistenni tul il-ħajja għal assi finanzjarji b'indeboliment fil-kreditu kif definit fl-Appendiċi A għall-Anness dwar l-IFRS 9 ***u, fejn ikun japplika l-Artikolu 468 ta' dan ir-Regolament, għajr it-telf ta' kreditu mistenni dterminat għal skoperturi mkejla b'valur ġust permezz ta' dħul komprensiv ieħor f'konformità mal-paragrafu 4.1.2 A tal-Anness dwar l-IFRS 9, fl-1 ta' Jannar 2020 jew fid-data tal-ewwel applikazzjoni tal-IFRS 9, skont liema minnhom tiġi l-aktar tard.***";

(c) fil-paragrafu 5, *il-punti (b) u (c)* huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(b) l-istituzzjonijiet għandhom jissostitwixxu l-ammont ikkalkulat f'konformità mal-punt (a) tal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu bis-somma tat-telf ta' kreditu mistenni fi 12-il xahar iddeterminata f'konformità mal-paragrafu 5.5.5 tal-Anness dwar l-IFRS 9 u l-ammont tal-kopertura għal telf ta' kreditu mistenni tul il-ħajja ddeterminat f'konformità mal-paragrafu 5.5.3 tal-Anness dwar l-IFRS 9, għajr il-kopertura għal telf ta' kreditu mistenni tul il-ħajja għal assi finanzjarji b'indeboliment fil-kreditu, kif definit fl-Appendiċi A għall-Anness dwar l-IFRS 9, u, fejn ikun japplika l-Artikolu 468 ta' dan ir-Regolament, għajr it-telf ta' kreditu mistenni ddeterminat għal skoperturi mkejla b'valur ġust permezz ta' dħul komprensiv ieħor f'konformità mal-paragrafu 4.1.2 A tal-Anness dwar l-IFRS 9, imnaqqsa bis-somma tal-ammonti relatati ta' telf mistenni għall-istess skoperturi kkalkulati f'konformità mal-Artikolu 158(5), (6) u (10) ta' dan ir-Regolament fid-data ta' rapportar. Fejn il-kalkolu jirriżulta f'ċifra negattiva, l-istituzzjoni għandha tistabbilixxi l-valur tal-ammont imsemmi fil-punt (a) tal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu għal zero;

- (c) l-istituzzjonijiet għandhom jissostitwixxu l-ammont ikkalkulat f'konformità mal-punt (b) tal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu bis-somma tat-telf ta' kreditu mistenni fi 12-il xahar iddeterminata f'konformità mal-paragrafu 5.5.5 tal-Anness dwar l-IFRS 9 u l-ammont tal-kopertura għal telf ta' kreditu mistenni tul il-ħajja ddeterminat f'konformità mal-paragrafu 5.5.3 tal-Anness dwar l-IFRS 9, għajr il-kopertura għal telf ta' kreditu mistenni tul il-ħajja għal assi finanzjarji b'indeboliment fil-kreditu, kif definit fl-Appendiċi A għall-Anness dwar l-IFRS 9, **u, fejn ikun japplika l-Artikolu 468 ta' dan ir-Regolament, għajr it-telf ta' kreditu mistenni ddeterminat għal skoperturi mkejla b'valur ġust permezz ta' dħul komprensiv ieħor f'konformità mal-paragrafu 4.1.2 A tal-Anness dwar l-IFRS 9, fl-1 ta' Jannar 2020 jew fid-data tal-ewwel applikazzjoni tal-IFRS 9, skont liema minnhom tiġi l-aktar tard, imnaqqsa bis-somma tal-ammonti relatati ta' telf mistenni għall-istess skoperturi kkalkulati f'konformità mal-Artikolu 158(5), (6) u (10) ta' dan ir-Regolament fl-1 ta' Jannar 2020 jew fid-data tal-ewwel applikazzjoni tal-IFRS 9, skont liema minnhom tiġi l-aktar tard.** Fejn il-kalkolu jirriżulta f'ċifra negattiva, l-istituzzjoni għandha tistabbilixxi l-valur tal-ammont imsemmi fil-punt (b) tal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu għal zero.";

(d) il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġejj:

"6. L-istituzzjonijiet għandhom japplikaw il-fatturi li ġejjin f_1 biex jikkalkulaw l-ammonti AB_{SA} u AB_{IRB} imsemmija fil-punti (a) u (b) tat-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1 rispettivament:

- (a) 0,7 matul il-perijodu mill-1 ta' Jannar 2020 sal-31 ta' Diċembru 2020;
- (b) 0,5 matul il-perijodu mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2021;
- (c) 0,25 matul il-perijodu mill-1 ta' Jannar 2022 sal-31 ta' Diċembru 2022;
- (d) 0 matul il-perijodu mill-1 ta' Jannar 2023 sal-31 ta' Diċembru 2024.

L-istituzzjonijiet li s-sena finanzjarja tagħhom tibda wara l-1 ta' Jannar 2020 iżda qabel l-1 ta' Jannar 2021 għandhom jaġġustaw id-dati fil-punti minn (a) sa (d) tal-ewwel subparagrafu sabiex dawn jikkorrispondu għas-sena finanzjarja tagħhom, għandhom jirrapportaw id-dati aġġustati lill-awtorità kompetenti tagħhom u għandhom jiżvelawhom pubblikament.

L-istituzzjonijiet li jibdew japplikaw standards tal-kontabbiltà kif imsemmi fil-paragrafu 1 fl-1 ta' Jannar 2021 jew wara din id-data, għandhom japplikaw il-fatturi rilevanti f'konformità mal-punti minn (b) sa (d) tal-ewwel subparagrafu b'bidu mill-fattur li jikkorrispondi għas-sena tal-ewwel applikazzjoni ta' dawk l-istandards tal-kontabbiltà.";

(e) jiddaħħal il-paragrafu ■ li ġej:

"6a. L-istituzzjonijiet għandhom japplikaw il-fatturi li ġejjin f₂ biex jikkalkulaw l-ammonti AB_{SA} u AB_{IRB} imsemmija fil-punti (a) u (b) tat-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1 rispettivament:

- (a) 1 matul il-perijodu mill-1 ta' Jannar 2020 sal-31 ta' Diċembru 2020;
- (b) 1 matul il-perijodu mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2021;
- (c) 0,75 matul il-perijodu mill-1 ta' Jannar 2022 sal-31 ta' Diċembru 2022;
- (d) 0,5 matul il-perijodu mill-1 ta' Jannar 2023 sal-31 ta' Diċembru 2023;
- (e) 0,25 matul il-perijodu mill-1 ta' Jannar 2024 sal-31 ta' Diċembru 2024.

L-istituzzjonijiet li s-sena finanzjarja tagħhom tibda wara l-1 ta' Jannar 2020 iżda qabel l-1 ta' Jannar 2021 għandhom jaġġustaw id-dati fil-punti minn (a) sa (e) tal-ewwel subparagrafu sabiex dawn jikkorrispondu għas-sena finanzjarja tagħhom, għandhom jirrapportaw id-dati aġġustati lill-awtorità kompetenti tagħhom u għandhom jiddivulgawhom pubblikament.

L-istituzzjonijiet li jibdeu japplikaw standards tal-kontabbiltà kif imsemmi fil-paragrafu 1 fl-1 ta' Jannar 2021 jew wara din id-data, għandhom japplikaw il-fatturi rilevanti f'konformità mal-punti minn (b) sa (e) tal-ewwel subparagrafu b'bidu mill-fattur li jikkorrispondi għas-sena tal-ewwel applikazzjoni ta' dawk l-istandards tal-kontabbiltà.";

(f) **■ jiddaħħal il-paragrafu** li ġej:

"7a. ***B'deroga mill-punt (b) tal-paragrafu 7 ta' dan l-Artikolu, meta*** jiġu kkalkulati mill-ġdid ir-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament u fid-Direttiva 2013/36/UE, ***l-istituzzjonijiet jistgħu jassenjaw piż tar-riskju ta' 100 % għall-ammont*** AB_{SA} imsemmi fil-punt (a) tat-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. ***Għall-finijiet tal-kalkolu tal-kejl tal-iskopertura totali msemmi fl-Artikolu 429(4) ta' dan ir-Regolament, l-istituzzjonijiet għandhom iżidu l-ammonti*** AB_{SA} u AB_{IRB} imsemmija fil-punti (a) u (b) tat-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ***mal-miżura tal-iskopertura totali.***

L-istituzzjonijiet jistgħu jagħżlu darba biss jekk jużawx il-kalkolu stipulat fil-punt (b) tal-paragrafu 7 jew il-kalkolu stipulat fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu. L-istituzzjonijiet għandhom jiżvelaw id-deċiżjoni tagħhom.";

(g) il-paragrafu 8 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"8. Matul il-perijodi stipulati fil-paragrafu 6 u 6a *ta' dan l-Artikolu*, minbarra li jiżvelaw l-informazzjoni meħtieġa fil-Parti Tmienja, l-istituzzjonijiet li ddeċidew li japplikaw l-arranġamenti tranżizzjonali stipulati f'dan l-Artikolu *għandhom jirrapportaw lill-awtoritajiet kompetenti u* għandhom jiżvelaw l-ammonti ta' fondi proprji, il-kapital tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni u l-kapital ta' Grad 1, il-proporzjon tal-kapital tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni, il-proporzjon tal-kapital ta' Grad 1, il-proporzjon totali tal-kapital u l-proporzjon ta' lieva finanzjarja li jkollhom f'każ li ma japplikawx dan l-Artikolu.";

(h) il-paragrafu 9 huwa emendat kif ġej:

(i) l-ewwel u t-tieni subparagrafi huma sostitwiti b'dawn li ġejjin:

9. Istituzzjoni għandha tiddeċiedi jekk tapplikax l-arranġamenti stipulati f'dan l-Artikolu matul il-perijodu tranżizzjonali u għandha tinforma lill-awtorità kompetenti bid-deċiżjoni tagħha sal-1 ta' Frar 2018. Fejn istituzzjoni tkun irċeviet il-permess minn qabel tal-awtorità kompetenti, hija tista' tbiddel id-deċiżjoni tagħha matul il-perijodu tranżizzjonali. L-istituzzjonijiet għandhom jiżvelaw pubblikament kwalunkwe deċiżjoni meħuda f'konformità ma' dan is-subparagrafu.

Istituzzjoni li tkun iddeċidiet li tapplika l-arranġamenti tranżizzjonali stipulati f'dan l-Artikolu tista' tiddeċiedi li ma tapplikax il-paragrafu 4, f'liema każ għandha tinforma lill-awtorità kompetenti bid-deċiżjoni tagħha sal-1 ta' Frar 2018. F'tali każ, l-istituzzjoni għandha tistabbilixxi $A_{4,SA}, A_{4,IRB}, A_{SA}^{old}, A_{IRB}^{old}, t_2$ u t_3 imsemmija fil-paragrafu 1 għal zero. Fejn istituzzjoni tkun irċeviet il-permess minn qabel tal-awtorità kompetenti, hija tista' tbiddel id-deċiżjoni tagħha matul il-perijodu tranżizzjonali. L-istituzzjonijiet għandhom jiżvelaw pubblikament kwalunkwe deċiżjoni meħuda f'konformità ma' dan is-subparagrafu ";

(ii) jiżdiedu s-subparagrafi li ġejjin:

"Istituzzjoni li tkun iddeċidiet li tapplika l-arranġamenti tranżizzjonali stipulati f'dan l-Artikolu tista' tiddeċiedi li ma tapplikax il-paragrafu 2, f'liema każ għandha tinforma lill-awtorità kompetenti bid-deċiżjoni tagħha mingħajr dewmien. F'tali każ, l-istituzzjoni għandha tistabbilixxi $A_{2,SA}$, $A_{2,IRB}$ u t_1 imsemmija fil-paragrafu 1 għal zero. Istituzzjoni tista' tirrevoka d-deċiżjoni tagħha matul il-perijodu tranżizzjonali sakemm tkun irċeviet il-permess minn qabel tal-awtorità kompetenti.

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jinnotifikaw lill-EBA tal-inqas kull sena dwar l-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu mill-istituzzjonijiet taħt is-superviżjoni tagħhom.";

(8) *fl-Artikolu 495, il-paragrafu 2 jitħassar;*

(9) jiddaħħlu *l-Artikoli* li ġejjin:

"Artikolu 500a

Trattament temporanju ta' dejn pubbliku maħruġ fil-munita ta' Stat Membru ieħor

1. B'deroga mill-Artikolu 114(2), sal-31 ta' Diċembru 2024, għal skoperturi għall-gvernijiet ċentrali u l-banek ċentrali tal-Istati Membri, fejn daww l-iskoperturi jkunu denominati u ffinanzjati fil-munita domestika ta' Stat Membru ieħor, għandhom japplikaw dawn li ġejjin:

(a) sal-31 ta' Diċembru 2022, il-piż tar-riskju applikat għall-valuri tal-iskoperturi għandu jkun 0 % tal-piż tar-riskju assenjat għal daww l-iskoperturi skont l-Artikolu 114(2);

(b) fl-2023, il-piż tar-riskju applikat għall-valuri tal-iskoperturi għandu jkun 20 % tal-piż tar-riskju assenjat għal daww l-iskoperturi skont l-Artikolu 114(2);

(c) fl-2024, il-piż tar-riskju applikat għall-valuri tal-iskoperturi għandu jkun 50 % tal-piż tar-riskju assenjat għal dawk l-iskoperturi skont l-Artikolu 114(2).

2. B'deroga mill-Artikoli 395(1) u 493(4), l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jippermettu lill-istituzzjonijiet iġarrbu skoperturi msemija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, sal-limiti li ġejjin:

(a) 100 % tal-kapital tal-Grad 1 tal-istituzzjoni sal-31 ta' Diċembru 2023;

(b) 75 % tal-kapital tal-Grad 1 tal-istituzzjoni bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Diċembru tal-2024;

(c) 50 % tal-kapital tal-Grad 1 tal-istituzzjoni bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Diċembru tal-2025.

Il-limiti msemija fil-punti (a), (b) u (c) tal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu għandhom japplikaw għall-valuri tal-iskoperturi wara li jittieħed kont tal-effett tal-mitigazzjoni tar-riskju ta' kreditu f'konformità mal-Artikoli 399 sa 403.

3. *B'deroga mill-punt (ii) tal-punt (d) tal-Artikolu 150(1), wara li jirċievu l-permess minn qabel tal-awtoritajiet kompetenti u soġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 150, l-istituzzjonijiet jistgħu wkoll japplikaw l-Approċċ Standardizzat għall-iskoperturi għal gvernijiet ċentrali u banek ċentrali, fejn daww l-iskoperturi jkunu assenjati piż tar-riskju ta' 0 % skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.*

Artikolu 500b

Esklużjoni temporanja ta' ċerti skoperturi għal banek ċentrali mill-miżura ta' skopertura totali fid-dawl tal-pandemija tal-COVID-19

1. *B'deroga mill-Artikolu 429(4), sas-27 ta' Ġunju 2021, istituzzjoni tista' teskludi mill-miżura ta' skopertura totali tagħha l-iskoperturi li ġejjin għall-bank ċentrali tal-istituzzjoni, soġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu:*

- (a) *muniti u karti tal-flus li jikkostitwixxu munita legali fil-ġurisdizzjoni tal-bank ċentrali;*

(b) assi li jirrappreżentaw pretensjonijiet fuq il-bank ċentrali, inkluż riżervi miżmuma fil-bank ċentrali.

L-ammont eskluż mill-istituzzjoni ma għandux jaqbeż l-ammont medju ta' kuljum tal-iskoperturi elenkati fil-punti (a) u (b) tal-ewwel subparagrafu matul l-aktar perijodu reċenti ta' żamma tar-riżerva sħiħa tal-bank ċentrali tal-istituzzjoni.

2. Istituzzjoni tista' teskludi l-iskoperturi elenkati fil-paragrafu 1 fejn l-awtorità kompetenti tal-istituzzjoni tkun iddeterminat, wara konsultazzjoni mal-bank ċentrali rilevanti, u ddikjarat pubblikament li jeżistu ċirkostanzi eċċezzjonali li jiġġustifikaw l-esklużjoni sabiex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni ta' politiki monetarji.

L-iskoperturi li għandhom jiġu esklużi skont il-paragrafu 1 għandhom jissodisfaw iż-żewġ kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) ikunu denominati fl-istess munita bħad-depożiti meħuda mill-istituzzjoni;

(b) il-maturità medja tagħhom ma taqbiżx b'mod sinifikanti l-maturità medja tad-depożiti meħuda mill-istituzzjoni.

Istituzzjoni li teskludi l-iskoperturi għall-bank ċentrali tagħha mill-miżura totali tal-iskopertura tagħha f'konformità mal-paragrafu 1 għandha tiżvela wkoll il-proporzjon ta' lieva finanzjarja li kien ikollha li kieku ma teskludix dawk l-iskoperturi.

Artikolu 500c

L-esklużjoni ta' qabżiet fil-valur mill-kalkolu tal-addend li jirriżulta mill-ittestjar retrospettiv fid-dawl tal-pandemija tal-COVID-19

B'deroga mill-Artikolu 366(3), f'ċirkostanzi eċċezzjonali u f'każijiet individwali, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jippermettu lill-istituzzjonijiet jeskludu l-qabżiet fil-valur evidenzjati mill-ittestjar retrospettiv tal-istituzzjoni fuq bidliet ipotetiċi jew reali mill-kalkolu tal-addend stabbilit fl-Artikolu 366(3), dment li dawk il-qabżiet fil-valur ma jirriżultawx minn nuqqasijiet fil-mudell intern u dment li jkunu seħħew bejn l-1 ta' Jannar 2020 u l-31 ta' Diċembru 2021.

Artikolu 500d

Kalkolu temporanju tal-valur tal-iskopertura ta' xiri u bejgħ imħallas fi żmien regolari li jkunu qed jistennew saldu fid-dawl tal-pandemija tal-COVID-19

- 1. B'deroga mill-Artikolu 429(4), sas-27 ta' Ġunju 2021, l-istituzzjonijiet jistgħu jikkalkulaw il-valur tal-iskopertura ta' xiri u bejgħ imħallas fi żmien regolari li jkunu qed jistennew saldu skont il-paragrafi 2, 3 u 4 ta' dan l-Artikolu.**
- 2. L-istituzzjonijiet għandhom jittrattaw flus kontanti relatati ma' bejgħ imħallas fi żmien regolari u titoli relatati ma' xiri mħallas fi żmien regolari li jibqgħu fil-karta tal-bilanċ sad-data ta' saldu bħala assi f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 429(4).**
- 3. L-istituzzjonijiet li, f'konformità mal-qafas ta' kontabbiltà applikabbli, japplikaw kontabbiltà skont id-data tan-negozju għal xiri u bejgħ imħallas fi żmien regolari li jkunu qed jistennew saldu għandhom ireġġgħu lura kwalunkwe tpaċija bejn flus kontanti riċevibbli għal bejgħ imħallas fi żmien regolari li jkun qed jistenna saldu u flus kontanti pagabbli għal xiri mħallas fi żmien regolari li jkun qed jistenna saldu permess taħt dak il-qafas ta' kontabbiltà. Wara li l-istituzzjonijiet ikunu reġġgħu lura t-tpaċija ta' kontabbiltà, jistgħu jpaċu bejn dak il-flus kontanti riċevibbli u l-flus kontanti pagabbli fejn kemm il-bejgħ kif ukoll ix-xiri mħallas fi żmien regolari relatati jkunu għew saldati fuq bażi ta' kunsenja kontra ħlas.**

4. *L-istituzzjonijiet li, f'konformità mal-qafas ta' kontabbiltà applikabbli, japplikaw kontabbiltà skont id-data tas-saldu għal xiri u bejgħ imħallas fi żmien regolari li jkunu qed jistennew saldu għandhom jinkludu fil-miżura tal-iskopertura totali l-valur nominali sħiħ tal-impenji li għandhom jitħallsu relatati ma' xiri mħallas fi żmien regolari.*

L-istituzzjonijiet jistgħu jpaċu l-valur nominali sħiħ tal-impenji li għandhom jitħallsu relatati max-xiri mħallas fi żmien regolari mal-valur nominali sħiħ tal-flus kontanti riċevibbli relatati mal-bejgħ imħallas fi żmien regolari li jkun qed jistenna saldu biss meta jiġu ssodisfati ż-żewġ kondizzjonijiet li ġejjin:

- (a) *kemm ix-xiri kif ukoll il-bejgħ imħallas fi żmien regolari jkunu ġew saldati fuq il-bażi ta' kunsenja kontra ħlas;*
- (b) *l-assi finanzjarji mixtrija u mibjugħa li huma assoċjati ma' flus kontanti pagabbli u riċevibbli jitkejlu b'valur ġust permezz tal-profitt jew it-telf u jiġu inklużi fil-portafoll tan-negozjar tal-istituzzjoni.*
5. *Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, "xiri jew bejgħ imħallas fi żmien regolari" tfisser ix-xiri jew il-bejgħ ta' titolu taħt kuntratt li għalihom it-termini jeħtieġu l-kunsenja tat-titolu fil-perijodu stabbilit ġeneralment mil-liġi jew konvenzjoni fis-suq ikkonċernat.";*

(10) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"Artikolu 518b

Rapport dwar qabżiet fil-valur u s-setgħat superviżorji biex jiġu limitati d-distribuzzjonijiet

Sal-31 ta' Diċembru 2021, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jekk ċirkostanzi eċċezzjonali li jikkawżaw disturb ekonomiku serju fil-funzjonament regolat u l-integrità tas-swieq finanzjarji jiġġustifikawx li:

- (a) matul tali perijodi, l-awtoritajiet kompetenti jitħallew jeskludu mill-mudelli interni tar-riskju tas-suq tal-istituzzjonijiet il-qabżiet fil-valur li ma jirriżultawx minn nuqqasijiet f'dawk il-mudelli;**
- (b) matul tali perijodi, jingħataw setgħat vinkolanti addizzjonali lill-awtoritajiet kompetenti biex jimponu restrizzjonijiet fuq id-distribuzzjonijiet mill-istituzzjonijiet.**

Il-Kummissjoni għandha tikkunsidra miżuri ulterjuri, jekk xieraq."

Artikolu 2

Emendi għar-Regolament (UE) 2019/876

L-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2019/876 huwa emendat kif ġej:

(1) jiddaħħal il-paragrafu ■ li ġej:

"3a. Il-punti li ġejjin tal-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw minn ...
[data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju]:

- (a) il-punt (59), fir-rigward tad-dispożizzjonijiet dwar it-trattament ta' ċertu self mogħti minn istituzzjonijiet ta' kreditu lil pensjonanti jew impjegati stabbiliti fl-Artikolu 123 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;
- (b) il-punt (133), fir-rigward tad-dispożizzjonijiet dwar l-aġġustament ta' skoperturi ponderati għar-riskju ta' SMEs mhux inadempjenti stipulati fl-Artikolu 501 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(c) il-punt (134), fir-rigward tad-dispożizzjonijiet dwar l-aġġustament tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tal-kreditu għall-iskoperturi għal entitajiet li joperaw jew li jiffinanzjaw strutturi jew faċilitajiet fiżiċi, sistemi u networks li jipprovdu jew jappoġġaw servizzi pubbliċi essenzjali stipulati fl-Artikolu 501a tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.";

(2) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. Il-punt (46)(b) tal-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament, fir-rigward tar-rekwiżit il-ġdid għal fondi proprji għall-G-SIIs stipulat fl-Artikolu 92(1a) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2023.";

(3) il-paragrafu 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"7. Il-punt (18) tal-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament, fir-rigward tal-punt (b) tal-Artikolu 36(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, li fih id-dispożizzjoni dwar l-eżenzjoni minn tnaqqis ta' assi ta' software valutati b'mod prudenti, għandu japplika mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-Artikolu 36(4) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.".

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu japplika minn... [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju] .

Minkejja t-tieni paragrafu ta' dan l-Artikolu, il-punt (4) tal-Artikolu 1 għandu japplika mit-28 ta' Ġunju 2021.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ...,

Għall-Parlament Ewropew

Għall-Kunsill

Il-President

Il-President